**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 10 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 157/19 AGV**

**Rikors konguntiv ta' AB u CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt ta' AB u CB pprezentat fl-4 ta' April, 2019 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti zzewwgu nhar il-15 ta' Awissu, 1993 fil-Parrocca tal-Isla, skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok.A.

2. Illi r-rikorrenti minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal ossia,D li twieled fit-3 ta' Lulju, 1994 u E li twieldet fis-16 ta' Ottubru, 1997 liema certifikati tat-twelid huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok.B u Dok. C rispettivament.

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mit-13 ta' Ottubru, 2009 b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor John Gambin illi huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok .D.

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom sena snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahanistra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohra.

5. Illi r-rikorrenti CB ma tircievi l-ebda manteniment minghand ir-rikorrent AB stante l-fatt illi uliedhom illum huma lkoll maggorenni u l-ebda wiehed u/jew wahda minnhom m'ghadu jew ghadha jistudja/jistudjaw fuq bazi full time.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligiijiet ta' Malta.

7. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

    i. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
    ii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li l-partijiet rnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom isseparati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin datat 13 ta’ Ottubru, 2009.

Illi m’hemmx arretrati ta’ manteniment anke skond l-istess kuntratt.

Il-partijiet ukoll ippruvaw li ma hemmx cans ta’ rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**